



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.2.2014
COM(2014) 50 final

2014/0025 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li jimponi dazju ta' antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti dijossidi tal-manganiż li joriġinaw mir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel wara rieżami minħabba skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

- **Raġunijiet u għanijiet tal-proposta**

Din il-proposta tikkonċerna l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ("ir-Regolament Bażiku"), fil-proċediment tar-rieżami ta' skadenza dwar id-dazju ta' antidumping fis-seħħ fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' diġossidi tal-manganiż elettrolitiċi li joriġinaw mir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel ('l-Afrika t'Isfel').

- **Kuntest ġenerali**

Din il-proposta qed issir fil-kuntest tal-implimentazzjoni tar-Regolament bażiku u hija r-risultat ta' investigazzjoni li twettqet f'konformità mar-rekwiżiti sostantivi u proċedurali stabbiliti fir-Regolament bażiku.

- **Id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Il-miżuri li bħalissa huma fis-seħħ huma dazju ta' antidumping definittiv impost mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 221/2008 fuq importazzjonijiet ta' ċerti diġossidi tal-manganiż li joriġinaw mill-Afrika t'Isfel (ĠU L 69, 13.3.2008, p. 1).

- **Konsistenza mal-politiki u mal-għanijiet l-oħra tal-Unjoni.**

Mhux applikabbli.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Il-partijiet interessati kkonċernati mill-proċediment kellhom il-possibiltà li jiddefendu l-interessi tagħhom matul l-investigazzjoni, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku.

- **Ġbir u użu ta' kompetenza**

Ma kienx hemm bżonn ta' kompetenza esterna.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Din il-proposta hija r-risultat tal-implimenazzjoni tar-Regolament bażiku.

Ir-Regolament bażiku ma jipprevedix valutazzjoni ġenerali tal-impatt iżda fih lista eżawrjenti ta' kundizzjonijiet li jridu jiġu vvalutati.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Sommarju tal-azzjoni proposta**

Fit-12 ta' Marzu 2013, il-Kummissjoni bdiet rieżami minħabba skadenza tal-miżuri antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċerti dijossidi tal-manganiż elettrolitiċi ('EMD') li joriġinaw mill-Afrika t'Isfel.

Wara l-impożizzjoni tal-miżuri, l-importazzjonijiet tal-EMD mill-Afrika t'Isfel kważi tista' tgħid li waqfu għal kollox. Madankollu, l-investigazzjoni kkonkludiet li kien hemm probabbiltà ta' rikorrenza ta' dumping li kieku l-miżuri kellhom jitħallew jiskadu.

L-industrija tal-Unjoni instab li kienet għadha f'sitwazzjoni fraġli u vulnerabbli u l-probabbiltà ta' rikorrenza ta' ħsara ġiet ikkunsidrata li hija għolja ħafna. L-investigazzjoni stabbiliet ukoll li l-issoktar tal-miżuri ma jkunx kontra l-interessi tal-Unjoni.

Għaldaqstant ġie propost li l-Kunsill jadotta l-proposta meħmuża għal Regolament biex jittawwal iż-żmien tal-miżuri li qegħdin fis-seħħ fil-preżent fuq l-importazzjonijiet tal-EMD li joriġina mill-Afrika t'Isfel li għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

- **Bażi legali**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea.

- **Prinċipju ta' sussidjarjetà**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni. Għalhekk, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Prinċipju ta' proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin:

Il-forma ta' azzjoni hija deskritta fir-Regolament bażiku u ma tħalli ebda ambitu għal deċiżjoni nazzjonali.

Ma tapplikax l-indikazzjoni ta' kif il-piż finanzjarju u amministrattiv li jaqa' fuq l-Unjoni, fuq il-gvernijiet nazzjonali, fuq l-awtoritajiet reġjonali u lokali, fuq l-operaturi ekonomiċi u fuq iċ-ċittadini, huwa mnaqqas kemm jista' jkun u proporzjonat għall-għan tal-proposta.

- **Għażla tal-istrumenti**

L-istrumenti proposti: Regolament.

Mezzi oħra ma jkunux adegwati għar-raġuni li ġejja: Ir-Regolament bażiku ma jipprovdi għażliet alternattivi.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta ma għandha ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

Proposta għal

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li jimponi dazju ta' antidumping definitiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti dijossidi tal-manganiż li joriġinaw mir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel wara rieżami minħabba skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea¹ ('ir-Regolament bażiku') u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. PROĊEDURA

1. Il-miżuri fis-seħħ
 - (1) Wara investigazzjoni ta' antidumping ("l-investigazzjoni oriġinali"), il-Kunsill impona, bir-Regolament (KE) Nru 221/2008², dazju definitiv ta' antidumping ta' 17.1 % fuq l-importazzjonijiet tad-dijossidi tal-manganiż elettrolitiċi (jiġifieri dijossidi tal-manganiż prodotti permezz ta' proċess elettrolitiku) li ma jiġux trattati bis-sħana wara l-proċess elettrolitiku, li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċi tan-NM ex 2820 10 00 li joriġinaw mir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel ("Afrika t'Isfel") ("il-miżuri antidumping fis-seħħ").
2. Talba għal reviżjoni ta' skadenza
 - (2) Wara l-pubblikazzjoni ta' avviż dwar l-iskadenza fil-qrib³ tal-miżuri antidumping fis-seħħ, fil-11 ta' Diċembru 2012 il-Kummissjoni rċiviet talba għat-tnedija ta' reviżjoni tal-iskadenza ta' dawn il-miżuri skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku. It-talba tressqet mill-kumpaniji Cegasa Internacional SA u Tosoh Hellas A.I.C. ("l-applikanti"), l-uniċi żewġ produttori tal-Unjoni ta' EMD.
 - (3) It-talba kienet ibbażata fuq il-fatt li l-iskadenza tal-miżuri antidumping fis-seħħ x'aktarx tirriżulta f'rikorrenza ta' dumping li jagħmel ħsara għall-industrija tal-Unjoni.
3. Bidu ta' rieżami ta' skadenza
 - (4) Wara li ddeterminat, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, li kienet teżisti evidenza biżżejjed biex tinbeda reviżjoni tal-iskadenza, fis-12 ta' Marzu 2013, il-

¹ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

² ĠU L 69, 13.3.2008, p. 1.

³ ĠU C 180, 21.6.2012, p. 15.

Kummissjoni ħabbret l-inzjazzjoni ta' reviżjoni tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, permezz ta' avviż ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*⁴ (in-"notifika tal-bidu").

4. L-investigazzjoni

4.1. 6.1 Perjodu tal-investigazzjoni ta' reviżjoni u l-perjodu kkunsidrat

- (5) L-investigazzjoni tal-kontinwazzjoni jew tar-rikorrenza tad-dumping kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2012 ("il-perjodu tal-investigazzjoni tar-reviżjoni" jew il-"PIR"). L-istħarriġ dwar ix-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' ssoktar jew rikorrenza ta' ħsara kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sa tmiem il-perjodu tal-investigazzjoni tar-reviżjoni ("il-perjodu ta' analiżi").

4.2. Partijiet ikkonċernati mill-investigazzjoni

- (6) Il-Kummissjoni avżat uffiċjalment lill-applikanti, lill-produtturi esportaturi fl-Afrika t'Isfel, lill-importaturi, lill-utenti fl-Unjoni magħrufa li huma kkonċernati u l-assoċjazzjonijiet tagħhom, u r-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur ikkonċernat bil-ftuħ tar-rieżami minħabba skadenza.
- (7) Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jagħtu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu smiġ fil-limitu taż-żmien stabbilit fl-avviż tal-bidu. Il-partijiet interessati kollha, li talbu hekk u li wrew li kien hemm raġunijiet partikolari għaliex għandhom jinstemgħu, ingħataw smiġ.
- (8) Fid-dawl tan-numru limitat ta' partijiet interessati li introduċew rwieħhom, it-teħid ta' kampjuni tal-partijiet interessati ma kienx meħtieġ.
- (9) Waslu tweġibiet għall-kwestjonarju mingħand il-produttur esportatur fl-Afrika t'Isfel, iż-żewġ produtturi tal-Unjoni u minn żewġ utenti li jappartjenu għall-istess grupp ta' kumpaniji relatati.
- (10) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset bżonnjuża għad-determinazzjoni tal-probabbiltà ta' rikorrenza ta' dumping u l-ħsara li tirriżulta minnu u għad-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni. Saru żjajjar ta' verifika fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin:

(a) *Produtturi tal-Unjoni:*

- Cegasa Internacional SA ('Cegasa')
- Tosoh Hellas A.I.C ('THA')

(b) *Produttur esportatur fl-Afrika t'Isfel:*

- Delta EMD (Pty) Ltd

(c) *L-utenti*

- Panasonic Energy Belgium NV

- (11) Fid-29 ta' Ottubru 2013, il-Kummissjoni żvelat lill-partijiet interessati kollha l-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kieetn beħsiebha tipproponi li żżomm fis-seħħ il-miżuri ta' antidumping. Għal darb' oħra, il-partijiet ingħataw l-opportunità li jagħtu l-kummenti tagħhom u dawk li talbu dan ingħataw seduta ta'

⁴ ĠU C 72, 12.3.2013, p. 8.

smiġh fil-preżenza tal-Uffiċjal tas-Seduta. Il-kummenti magħmula mill-partijiet interessati ġew ikkunsidrati mill-Kummissjoni u mwiegħba hawn taħt.

B. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI

- (12) Il-prodott ikkonċernat minn dan ir-rieżami huwa l-istess wieħed definit fir-Regolament (KE) Nru 221/2008, jiġifieri diġossidi tal-manganiż elettrolitiċi (jiġifieri diġossidi tal-manganiż prodotti permezz ta' proċess elettrolitiku) mhux trattati bis-sħana wara l-proċess elettrolitiku ("il-prodott taħt reviżjoni" jew "EMD"), li joriġinaw mir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel, li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċi tan-NM ex 2820 10 00. Dan jinkludi żewġ tipi ewlenin, il-grad EMD taż-żingu tal-karbonju u l-grad EMD alkalini.
- (13) L-investigazzjoni ta' rieżami kkonfermat li, kif instab fl-investigazzjoni oriġinali, il-prodott ikkonċernat importat fis-suq tal-Unjoni u l-prodotti mmanifatturati u mibjugħa mill-produtturi esportaturi fis-swieq domestiċi, kif ukoll dawh immanifatturati u mibjugħa fl-Unjoni mill-Industrija tal-Unjoni ("il-prodott simili"), għandhom l-istess karatteristiki fiżiċi u kimiċi u l-istess użijiet. Għaldaqstant, dawn il-prodotti jitqiesu li huma prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

C. PROBABBILTÀ TA' RIKORRENZA TA' DUMPING

1. Il-kummenti preliminari
- (14) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-iskadenza tal-miżuri eżistenti tistax x'aktarx twassal għal rikorrenza ta' dumping.
2. Dumping ta' importazzjonijiet matul il-PIR
- (15) L-importazzjonijiet lejn l-Unjoni mill-Afrika t'Isfel waqgħu għal kważi żero wara l-impożizzjoni tal-miżuri, bi kwantità żgħira ħafna biss esportata fl-2010, l-2011 u matul il-PIR. Biex tivvaluta jekk l-uniku produttur esportatur magħruf Delta EMD (Pty) Ltd. ("Delta") kienx qed jesporta lejn l-Unjoni bi prezzijiet dumped matul il-PIR, il-Kummissjoni baġtet kwestjonarju lil Delta. Hija rċeviet tveġiba inkluża dejta dwar il-bejgħ domestik, l-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni u l-esportazzjonijiet lejn destinazzjonijiet oħrajn. Ir-risposta pprovduta ġiet ivverifikata kif spjegat aktar 'l isfel.
- 2.1. Valur normali
- (16) Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat il-bejgħ domestik ta' Delta biex isir magħruf jekk il-volum totali tagħha ta' bejgħ tal-prodott simili lil klijenti indipendenti kienx rappreżentattiv meta mqabbel mal-volum totali tagħha ta' bejgħ tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni, jiġifieri jekk il-volum totali ta' tali bejgħ kienx jirrappreżenta mill-inqas 5 % tal-volum totali tal-bejgħ tal-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni.
- (17) Filwaqt li l-bejgħ domestik tal-prodott taħt rieżamikien rappreżentattiv, ma kien hemm l-ebda bejgħ fl-andament normali tal-kummerċ minħabba li l-bejgħ domestik tal-EMD ta' Delta ma kienx ta' profitt. Għalhekk inbena valur normali skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku.
- (18) Dan sar fuq il-bażi tal-kost attwali tal-produzzjoni tal-EMD, li magħha żdied ammont raġonevoli għall-ispejjeż tal-bejgħ, spejjeż ġenerali u amministrattivi (SG&A) u għall-profitt, skont l-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku.
- (19) Is-SG&A ġie kkalkulat permezz tal-Artikolu 2(6)(c), minħabba li l-bejgħ ta' Delta ma kienx fil-kors ordinarju tal-kummerċ u billi ż-żewġ Artikoli 2(6)(a) u (b) ma kinux applikabbli minħabba li rispettivament m'hemmx esportaturi jew produtturi oħra

suġġetti għall-investigazzjoni, u Delta ma għandux xi bejgħ ieħor ta' prodotti tal-istess kategorija ġenerali. L-użu tal-SG&A tal-investigazzjoni oriġinali, li ta' kważi l-istess perċentwali bħall-SG&A attwali, kien għalhekk meqjus metodu raġonevoli.

- (20) Wara l-iżvelar, Delta talab lill-Kummissjoni biex tikkalkula l-valur normali maħdum billi l-SG&A ikkalkulat hawn fuq bħala perċentwal tal-ispiża tal-manifattura aktar milli bħala persentaġġ tal-fatturat. Minħabba li l-bejgħ domestiku kollu ma kienx ta' profitt, l-użu tal-fatturat jirriżulta fi tkabbir tal-kosti tal-SG&A. Il-Kummissjoni aċċettat it-talba ta' Delta u fl-istabbiliment tal-valur normali, il-Kummissjoni żiedet lill-SG&A bħala perċentwal tal-kost ta' manifattura għal kull kg minn din l-investigazzjoni ta' rieżami.
- (21) Il-profitt ġie wkoll ikkalkulat bl-użu tal-istess metodoloġija tal-investigazzjoni oriġinali, jiġifieri fuq il-bażi ta' rati ta' interessi kummerċjali tas-self fit-tul fl-Afrika t'Isfel matul il-PIR skont l-Artikolu 2(6)(c). Delta ma jbiegħx prodotti oħrajn fis-suq domestiku, u m'hemmx produttori oħrajn magħrufa tal-EMD jew produttori oħra ta' prodotti tal-istess kategorija ġenerali fl-Afrika t'Isfel li mingħandha tista' tittieħed dejta dwar il-profitt.
- (22) Wara l-iżvelar l-industrija tal-Unjoni talbet li l-Kummissjoni tuża bejgħ lejn l-Istati Uniti biex tistabbilixxi il-valur normali, peress li jiżvolġu l-funzjoni ta' bejgħ fis-suq domestiku, skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku.
- (23) Dan ġie miċħud għaliex il-valur normali nħadem skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku bl-użu tal-istess metodoloġija bħal fl-investigazzjoni oriġinali, u għalhekk b'konformità mal-Artikolu 11(9) tal-istess Regolament.

2.2. Prezz tal-esportazzjoni

- (24) Il-kwantità żgħira ħafna tal-EMD esportat lejn l-Unjoni matul il-PIR inbiegħ direttament lil importatur mhux relatat fl-Unjoni. B'konformità mal-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku, il-prezz tal-esportazzjoni ġie stabbilit abbażi tal-prezzijiet imħallsa mill-importatur lil Delta.

2.3. Tqabbil

- (25) Sar tqabbil bejn il-prezz tal-esportazzjoni u l-valur normali maħdum billi jitqiesu l-aġġustamenti ddikjarat u vverifikati skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku, jiġifieri spejjeż għat-trasport, l-assigurazzjoni, l-ispejjeż ta' kreditu u spejjeż tal-immaniġġjar min-naħa tal-esportazzjoni. Il-valur normali ġie kkalkulat fuq bażi ta' prezz mill-fabbrika billi jitneħħew l-imposti fuq il-merkanzija u l-ispejjeż ta' kreditu. L-ispejjeż tal-imballaġġ u l-assistenza teknika ma tneħħewx għaliex kienu diġà ġew irrappurtati fl-ispiża tal-manifattura u għalhekk ġew inklużi kemm fil-prezz tal-esportazzjoni kif ukoll fil-valur normali maħdum.

2.4. Marġini ta' dumping

- (26) L-EMD mibjugħ lill-Unjoni minn Delta matul il-PIR instab li ma kienx l-oġġett ta' dumping. Madankollu l-kwantità involuta kienet estremament żgħira, u għalhekk, din is-sejba ma setgħetx tkun affidabbli għal kollox biex tiġi stabbilita l-probabbiltà ta' rikorrenza ta' dumping jekk il-miżuri jiskadu.

3. Evidenza tal-probabbiltà ta' rikorrenza ta' dumping

- (27) Peress li ma jistgħu jsiru l-ebda konklużjonijiet mill-bejgħ lejn l-UE matul il-PIR, il-Kummissjoni analizzat jekk kienx hemm evidenza ta' probabbiltà ta' rikorrenza ta' dumping jekk il-miżuri jiskadu. Meta dan sar, saret analiżi tal-elementi li ġejjin: il-

prezz ta' esportazzjoni mill-Afrika t'Isfel għal destinazzjonijiet oħra, il-kapaċità ta' produzzjoni u l-kapaċità żejda fl-Afrika t'Isfel u l-attrattività tas-suq tal-Unjoni u swieq terzi oħrajn.

3.1. L-esportazzjonijiet mill-Afrika t'Isfel lejn destinazzjonijiet oħra

- (28) Delta jipproduċi kemm il-grad EMD alkalini kif ukoll il-grad EMD taż-żingu tal-karbonju, u minħabba li hemm suq fl-UE għall-grad EMD alkalini u wkoll li (fi kwantità iżgħar) għall-grad EMD taż-żingu tal-karbonju, il-Kummissjoni eżaminat il-prezz tal-esportazzjoni taż-żewġ gradi lejn pajjiżi terzi matul il-PIR. Dan il-bejgħ kien imqabbel mal-valur normali maħdum kif ikkalkulat hawn fuq, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-differenzi li jaffettwaw it-tqabbil tal-prezzijiet.
- (29) Il-bejgħ tal-grad EMD alkalini lill-Istati Uniti, l-aktar suq tal-esportazzjoni importanti għal Delta, kien jammonta għal madwar żewġ terzi tal-esportazzjonijiet kollha ta' Delta matul il-PIR u ma kienx oġġett ta' dumping. Madankollu bejgħ tal-grad EMD alkalini għal destinazzjonijiet oħra (bħat-Tajlandja, il-Korea, iċ-Ċina u l-Brażil), mibjugħ fi kwantitajiet iżgħar, instab li jiġi esportat bi prezzijiet dumped b'marġini ta' dumping li jvarjaw minn 2 % sa 21 %. Barra minn hekk, meta wieħed iħares lejn il-bejgħ ta' esportazzjoni tal-grad EMD taż-żingu tal-karbonju lejn destinazzjonijiet oħra, l-aktar mibjugħ bi prezzijiet baxxi u kwantitajiet baxxi, il-marġini ta' dumping kienu ogħla, li jvarjaw minn 13 % sa 66 %.
- (30) Wara l-iżvelar, l-industrija tal-Unjoni stqarret li l-Kummissjoni għandha tinjora l-bejgħ li sar fl-Istati Uniti matul il-PIR minħabba li l-prezzijiet għal dak is-suq ma kinux gwida xierqa minħabba l-livell probabbli tal-prezz tal-bejgħ lejn is-suq tal-UE jekk il-miżuri jiskadu.
- (31) Delta, min-naħa l-oħra, talab lill-Kummissjoni wara l-iżvelar biex tagħti attenzjoni partikolari lill-bejgħ lil Istati Uniti, li jirrappreżenta l-maġġoranza l-kbira ta' esportazzjonijiet tal-grad alkalini tiegħu u li huwa l-aktar suq lejn l-UE li jista' jsir tqabbil miegħu.
- (32) Il-Kummissjoni analizzat il-bejgħ kollu mill-esportazzjoni lejn id-destinazzjonijiet kollha, ikkalkulat prezz medju mwieżen tal-esportazzjoni tal-esportazzjonijiet ta' Delta lejn id-destinazzjonijiet kollha mhux fl-UE, iżda stħarrġet ukoll b'ħafna dettall il-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi individwali. Meta wieħed iħares lejn il-kwistjoni tal-probabbiltà ta' rikorrenza ta' dumping, il-bejgħ kollu tal-esportazzjoni lejn id-destinazzjonijiet kollha nstab li huwa rilevanti, b'mod partikolari minħabba differenzi sinifikanti fil-prezzijiet li nstabet bejn diversi swieq ta' esportazzjoni.
- (33) Is-suq tal-Istati Uniti għandu l-karatteristiċi partikolari tiegħu li jippermettu lil Delta jitlob prezzijiet ħafna ogħla hemmhekk milli f'kull post ieħor. Fl-Istati Uniti domanda taqbeż b'mod sinifikanti l-provvista domestika. Flimkien ma' dan, jeżistu ostakli ogħla għal numru kbir ta' kompetituri potenzjali minħabba li dazji antidumping għoljin qiegħdin fis-seħħ kontra importazzjonijiet miċ-Ċina u mill-Awstralja.
- (34) F'dawn iċ-ċirkostanzi mhemm l-ebda raġuni għaliex il-Kummissjoni għandha tibbaża s-sejbiet tagħha biss fuq il-prezz medju ta' esportazzjoni jew teżamina biss il-bejgħ ta' esportazzjoni għal pajjiż wieħed minflok tanalizza l-bejgħ kollu mill-esportazzjoni lejn id-destinazzjonijiet kollha.
- (35) L-imġiba tal-prezzijiet ta' Delta għal swieq ta' esportazzjoni oħrajn għajr l-UE turi li għalkemm l-esportazzjonijiet tiegħu lejn is-suq l-aktar importanti tiegħu (l-Istati Uniti) ma nbigħux taħt il-prezzijiet dumped, il-bejgħ lejn destinazzjonijiet oħra kien

dumped. Aktar indikaturi, kif stabbilit hawn taħt, huma għalhekk mitluba biex tkun tista' tkun ivvalutata l-probabbiltà ta' rikorrenza ta' dumping jekk il-miżuri jiskadu.

3.2. Il-kapaċità ta' produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fl-Afrika t'Isfel

- (36) Delta għandu l-kapaċità żejda biex jipproduċi EMD li jippermettilu jerġà jibda l-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni f'xi kwantità sinifikanti jekk il-miżuri jiskadu. Delta stima, u l-Kummissjoni kkonfermat, li din il-kapaċità żejda kienet ta' bejn 1-4 000 u s-6 000 TM fis-sena. Dan il-kalkolu jikkunsidra n-nuqqas tal-elettriku attwali fl-Afrika t'Isfel u l-volumi ta' skart. Minħabba xi diffikultà biex jinżammu l-livelli ta' kwalità b'impjant ikkontrollat manwalment, il-Kummissjoni b'mod konservattiv tistima li bejn 2 000 u 3 000 TM fis-sena ikun il-grad EMD alkalini filwaqt li l-bqija ikun l-grad EMD taż-żingu tal-karbonju. Iż-żewġ gradi madankollu ikunu adattati għas-suq tal-UE. Billi parti mill-kwantità tal-grad EMD taż-żingu tal-karbonju tista' tiġi assorbita minn swieq ta' pajjiżi terzi oħra, ma hemm l-ebda indikazzjonijiet li swieq oħra ta' pajjiżi terzi jew is-suq domestiku jistgħu jassorbu l-kapaċità żejda sinifikattiva tal-grad EMD alkalini.
- (37) Delta iddikjara matul il-verifika li ilu fornitur stabbilit ewlieni ta' riżerva għall-klijenti tiegħu fis-suq tal-Istati Uniti, fejn jimla' l-vojt meta l-produtturi domestiċi ma jirnexxilhomx jipproduċi biżżejjed. L-esportazzjonijiet tad-Delta lejn l-Istati Uniti kienu stabbli matul l-aħħar 4 snin, li jagħti ħjiel li ma kien hemm l-ebda possibbiltà għal Delta biex iżid il-bejgħ tiegħu lejn l-Istati Uniti. Jekk kien ikun possibbli li żżid l-esportazzjonijiet lejn l-Istati Uniti, Delta kien jagħmel hekk minnufih sabiex jibbenefika minn prezzijiet oġhla li jinżammu fuq is-suq tal-Istati Uniti u wkoll minn żieda fl-ekonomiji ta' skala li hija riżultat tal-produzzjoni ta' kwantitajiet akbar.
- (38) Il-bejgħ ta' Delta lejn is-suq Ażjatiċu kienu aktar iffukati fuq l-EMD taż-żingu tal-karbonju. Il-bejgħ ta' Delta lejn l-Ażja jammonta għal 50 % tal-ammont kollu tal-bejgħ tal-EMD taż-żingu tal-karbonju ta' Delta. Iċ-Ċina għandha produtturi tal-EMD domestiċi u l-esportazzjonijiet ta' Delta lejn iċ-Ċina matul il-PI kienu limitati għall-kwantità żgħira ħafna ta' EMD alkalini. Hekk kif bħalissa l-esportazzjonijiet ta' EMD lejn il-Ġappun huma soġġetti għall-miżuri antidumping u minħabba l-fatt li l-Ġappun għandu produtturi tal-EMD domestiċi, huwa improbabbli li dan is-suq jassorbi l-kapaċità żejda ta' Delta. Għalhekk huwa improbabbli li s-suq Ażjatiċu jkun jista' jassorbi l-kapaċità żejda ta' EMD alkalini ta' Delta.
- (39) Wara l-iżvelar, l-industrija tal-Unjoni kkummentat li l-kapaċità żejda ta' Delta kienet ħafna oġhla minn dak iddikjarat hawn fuq, u ġibdet l-attenzjoni lejn diversi fatturi li jindikaw li dan huwa l-każ. Stqarriet ukoll li l-kapaċità żejda kollha ta' Delta tista' tintuża biex tipproduċi l-grad EMD alkalini ta' kwalità biex jinbiegħ fis-suq tal-UE bi prezzijiet dumped.
- (40) L-industrija tal-Unjoni ddikjarat ukoll li l-esportazzjonijiet ta' Delta lejn l-Istati Uniti aktarx jonqsu fil-futur qrib minħabba li produttur wieħed tal-Istati Uniti kien diġà ħabbar żidiet fil-kapaċità tal-produzzjoni tiegħu u minħabba tnaqqis probabbli ħafna fid-domanda għall-EMD fl-Istati Uniti wara li tħabbar il-ħruġ mis-suq ta' utent tal-EMD. Barra minn hekk, l-industrija tal-Unjoni stqarret li l-bejgħ mill-Afrika t'Isfel lejn l-Istati Uniti wara t-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni kien diġà beda jonqos. Dan ikun ifisser li potenzjalment Delta għandu kwantitajiet addizzjonali ta' EMD alkalini li x'aktarx jiġu devjati lejn is-suq tal-UE jekk il-miżuri jiskadu.
- (41) L-impjant, il-kapaċità u l-kapaċità ta' produzzjoni ta' Delta, ġew ivverifikati mill-Kummissjoni matul l-investigazzjoni. Kif intqal hawn fuq, fil-kalkoli tagħha l-

Kummissjoni bbażat ruħha fuq kalkoli konservattivi, b'mod partikolari fuq l-istima konservattiva tal-qasma bejn il-produzzjoni alkalina u taż-żingu tal-karbonju bbażata fuq l-użu tal-kapaċità żejda tagħha. Anki b'din l-istima konservattiva, ġiet stabbilita kapaċità żejda sinifikanti, fid-dawl tal-konsum fl-UE tal-prodott ikkonċernat, li tista' tintuża għall-produzzjoni tal-grad EMD alkalina.

- (42) Dwar l-affermazzjoni fir-rigward tal-evoluzzjoni probabbli tal-esportazzjonijiet tad-Delta lejn l-Istati Uniti, l-evidenza preżentata lill-Kummissjoni tindika li dawn jistgħu jispiċċaw taħt pressjoni jekk il-kapaċità ta' EMD tal-Istati Uniti EMD tkompli tiżdied u d-domanda tkompli tonqos.
- (43) Wara l-iżvelar, utent minnhom ilmenta li l-kapaċità żejda ta' Delta hija baxxa, meta jiġi kkunsidrat li Delta kellu sehem fis-suq ta' 60-70 % qabel ma ġew imposti l-miżuri. Madankollu, anke bl-użu ta' stima konservattiva tal-kapaċità żejda ta' Delta, jekk din il-kapaċità żejda tintuża għall-esportazzjoni lejn l-UE, Delta jista' faċilment iżid b'mod sinifikanti s-sehem tas-suq tiegħu mingħajr ma jqis il-possibbiltà li l-esportazzjonijiet lejn destinazzjonijiet oħra jkunu jistgħu jiġu diretti mill-ġdid lejn l-UE. Żvilupp bħal dan jista' jista' jirriżulta f'aktar żieda fis-sehem potenzjali tas-suq ta' Delta.

3.3. L-attrazzjoni tas-suq tal-Unjoni u ta' swieq terzi oħrajn

- (44) Delta għandu mezz ta' bejgħ li ilu jeżisti u bi profitt lejn l-Istati Uniti u ma nstabt l-ebda prova li tissuġġerixxi li jkun fl-interess tal-kumpanija li dan il-bejgħ jiġi dirett mill-ġdid b'mod deliberat lejn l-Unjoni. Madankollu, il-kapaċità żejda identifikata matul l-investigazzjoni, jew għall-inqas parti sostanzjali minnha, tista' biss tiġi diretta lejn l-Unjoni għar-raġunijiet elenkati fil-premessi hawn fuq. Barra minn dan, dan minħabba li s-suq tal-Unjoni huwa fost l-ikbar fid-dinja. Barra minn hekk, qabel ma ġew imposti l-miżuri antidumping fis-seħħ, is-suq tal-Unjoni kien tassew attraenti għal Delta minħabba li kellu sehem tas-suq ta' madwar 60-70 %.
- (45) Li kieku Delta kellu jikkompeti fuq il-prezz mal-produtturi tal-Unjoni, ikun sfurzati inaqas il-prezzijiet tal-esportazzjoni tiegħu u għalhekk ibiġi bi prezzijiet dumped li huma l-istess bħall-prezzijiet mitluba minn produttur tal-Unjoni matul il-PIR. Delta jista' wkoll jagħti direzzjoni mill-ġdid lill-esportazzjonijiet tiegħu tal-grad EMD alkalina li bħalissa jinbiegħu lil pajjiżi terzi (minbarra l-Istati Uniti) lejn l-UE bi prezzijiet dumped minħabba li s-suq tal-Unjoni huwa aktar attraenti minn swieq oħra li mhumieq tal-Istati Uniti minħabba d-daqs tiegħu u prezzijiet ġeneralment ogħla. Barra minn hekk, jekk Delta fil-futur ikollu bżonn inaqas il-kwantitajiet ta' EMD esportati lejn l-Istati Uniti, s-suq tal-UE isir id-destinazzjoni probabbli ħafna ta' dawn il-kwantitajiet żejda disponibbli.
- (46) Wara l-iżvelar, Delta kkummenta li l-politika tal-prezzijiet tiegħu kienet li jbiġi fis-suq tal-UE biss jekk ikun jista' jikseb prezz profitabbli.
- (47) Dan jista' jkun il-każ jew le, iżda bejgħ bi profitt xorta jista' jkun wieħed ta' dumping, jekk il-prezz ta' esportazzjoni jibqa' aktar baxx mill-valur normali. Fi kwalunkwe każ, l-ebda evidenza ma setgħet tiġi pprovduta biex issostni dikjarazzjoni bħal din, minħabba li Delta ma esportatx kwantitajiet sinifikanti lejn l-UE matul l-aħħar ħames snin. Barra minn hekk, l-industrija tal-Unjoni stqarret li l-kwantitajiet żgħira tal-EMD li nbiegħu minn Delta lejn l-UE matul il-PI saru sabieq iżżomm iċ-ċertifikazzjoni tagħha ma' klijenti tal-UE.

- (48) Delta kkummenta ukoll li l-prezz ta' importazzjoni medju fl-UE tal-EMD matul l-2012 kien ta' EUR 1809 għal kull TM, li kien ogħla mill-valur normali tagħhom, li skont Delta juri, li jista' jikkompeti ma' importaturi oħra u mhux jiddampja.
- (49) Madankollu din iċ-ċifra medja hija magħmula minn xi importazzjonijiet għaljin ħafna mill-Istati Uniti, u xi importazzjonijiet ħafna orħos miċ-Ċina. L-importazzjonijiet mill-Istati Uniti ma setgħux jiġu inklużi f'dan il-paragun minħabba li livell bi prezz estremament għoli, sa tlieta jew erba' darbiet il-prezzijiet normali mitluba fis-suq tal-UE, tefa' dubju fuq l-affidabilità ta' dawn il-prezzijiet u/jew tal-prodott importat. Jekk Delta irid jikkompeti bil-prezz mal-importazzjonijiet Ċiniżi, fil-livell ta' madwar EUR 1200 għal kull TM, ikun qiegħed iwettaq dumping fis-suq Ewropew.
4. Konklużjoni dwar il-probabbiltà tar-rikorrenza tad-dumping
- (50) Minħabba dak li ssemma aktar' il fuq, hemm probabbiltà li jekk il-miżuri kellhom jitħallew jiskadu, id-dumping jerġa' jseħħ. Il-grad EMD alkalini huwa tip ta' prodott immanifatturat minn Delta li x'aktarx jinbiegħ lejn l-Unjoni jekk il-miżuri jiskadu peress li dan huwa tip ta' prodott li ġie esportat minn Delta fil-passat. Bħalissa, wkoll ħafna mid-domanda fl-UE għadha għall-grad EMD alkalini. Din l-investigazzjoni wriet li l-bejgħ tal-grad EMD alkalini lejn destinazzjonijiet bħall-Korea t'Isfel, iċ-Ċina u l-Brażil nstab li jiġi esportat bi prezzijiet dumped, b'marġini ta' dumping minn 2 % sa 21 %.
- (51) Barra minn hekk, il-kapaċità żejda ta' Delta hija ta' kwantità sinifikanti meta mqabbla mal-konsum tal-Unjoni matul il-PIR. Jekk din il-kapaċità intużat bħala esportazzjoni lejn l-Unjoni u biex tikkompeti bil-prezz mal-produtturi tal-Unjoni jew mal-importazzjonijiet ewlenin minn pajjiżi terzi, hemm probabbiltà qawwija li tali esportazzjonijiet isiru bi prezzijiet dumped.

D. ID-DEFINIZZJONI TAL-INDUSTRIJA TAL-UNJONI

- (52) Waqt il-PIR, il-prodott simili kien immanifatturat minn żewġ produtturi fl-Unjoni, THA u Cegasa, li kkooperaw bis-sħiħ fl-investigazzjoni. Fl-investigazzjoni oriġinali, Cegasa, li f'dak iż-żmien ma kenitx tipproduċi għal suq miftuħ iżda biss għall-użu vinkolanti, ma kenitx kwerelant u ma kkoperatx iżda li ma opponietx li ssir l-investigazzjoni.
- (53) Wara l-iżvelar, parti interessata iddubitata l-ammissibbiltà ta' Cegasa bħala applikant fir-reviżjoni tal-iskadenza peress li ma kenitx kwerelant fl-investigazzjoni oriġinali, ma kenitx qed tipproduċi għal suq miftuħ u għalhekk ma kenitx qiegħda ggarra b'ħsara f'dak iż-żmien. Din il-pretensjoni ġiet miċħuda minħabba li trid tiġi ppreżentata talba għal reviżjoni ta' skadenza f'isem il-produtturi tal-Unjoni iżda mhux neċessarjament minn (biss) mill-ilmentatur/i oriġinali.
- (54) Iż-żewġ produtturi tal-Unjoni huma responsabbli għall-produzzjoni kollha tad-EMD fl-UE, u jikkostitwixxu "l-industrija tal-Unjoni" fit-tifsira tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku.
- (55) Għall-fini tal-analiżi tal-ħsara, minħabba l-kooperazzjoni tal-industrija kollha tal-Unjoni, l-indikaturi kollha ta' ħsara ġew stabbiliti fil-livelli mikroekonomiċi. Sabiex tiġi protetta l-kunfidenzalità, id-dejta kollha hija ppreżentata f'forma b'indiċi jew f'sensiela ta' limiti.

E. IS-SITWAZZJONI TAS-SUQ TAL-UNJONI

1. Konsum fis-suq tal-Unjoni

- (56) Il-konsum tal-Unjoni ġie stabbilit fuq il-bażi ta' (i) il-volumi tal-bejgħ ivverifikat tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni, (ii) il-volumi tal-importazzjoni verifikati mill-uniku produttur fl-Afrika t'Isfel u, (iii) importazzjonijiet minn pajjiżi oħra bbażati fuq id-dejta tal-Eurostat.
- (57) Il-konsum tal-EMD tal-Unjoni baqa' stabbli bejn l-2009 u l-PIR. Dan żdied fl-2010 u fl-2011 iżda fl-2012 mar lura għal-livelli tal-2009.

Tabella 1

	2009	2010	2011	PIR
Indiċi (2009 = 100)	100	102	108	100

2. L-importazzjonijiet mill-Afrika t'Isfel

2.1. Volum u sehem fis-suq

- (58) Wara l-impożizzjoni tal-miżuri, l-importazzjonijiet mill-Afrika t'isfel kważi waqfu għal kollox.

Tabella 2

	2009	2010	2011	PIR
Volum tal-importazzjonijiet mill-Afrika t'Isfel soġġetti għall-miżuri	100	2	3	1
Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-Afrika t'Isfel soġġetti għal miżuri	100	2	4	1

2.2. Il-prezzijiet u t-tqaċċit tal-prezzijiet

- (59) Il-ftit bejgħ tal-EMD mill-Afrika t' Isfel lejn l-Unjoni matul il-PIR ma kienx qed jinbiegħ bi prezzijiet inqas minn daww tal-industrija tal-Unjoni. Madankollu, fid-dawl tal-volum tassew żgħir tiegħu, ma tistax issir dipendenza fuq għat-tfassil ta' kwalunkwe konklużjoni siewja.
- (60) Għalhekk sar tqabbil ukoll bejn il-prezzijiet tal-EMD prodott u mibjugħ mill-industrija tal-Unjoni u daww tal-EMD prodott fl-Afrika ta' Isfel u mibjugħ lill-bqija tad-dinja, abbażi ta' żewġ xenarji; wiehded li jinkludi, u ieħor li jeskludi, bejgħ lill-Istati Uniti. Ir-raġuni sabiex issir analiżi li teskludi l-prezz tal-esportazzjoni lejn l-Istati Uniti ta' Delta, kienet ibbażata fuq il-qagħda partikolari tas-suq fl-Istati Uniti li ssarrfet fi prezzijiet għolja ħafna meta mqabbla mal-prezzijiet tal-esportazzjoni ta' Delta lejn pajjiżi oħra (ara l-premessi hawn fuq).
- (61) Il-paragun wera li, matul il-PIR, il-bejgħ mill-Afrika t'Isfel lejn il-bqija tad-dinja ma kienx qiegħed iwaqqa' l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni jekk jitqies il-bejgħ lejn l-Istati Uniti, iżda kien qed iwaqqa' l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni b' 5 % li kieku l-bejgħ lejn l-Istati Uniti jiġi eskluż. Barra minn hekk, minbarra l-bejgħ lejn l-Istati Uniti, l-prezzijiet ta' esportazzjoni ta' Delta kienu wkoll qed iwaqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni.
- (62) Wara l-iżvelar, l-industrija tal-Unjoni sostniet li l-prezzijiet ta' Delta lejn l-Istati Uniti mhumienx indikattivi tal-prezzijiet futuri tiegħu lejn l-UE u li minħabba d-differenzi

strutturali bejn is-suq tal-UE u s-suq tal-Istati Uniti, dawn il-prezzijiet għandhom jiġu injorati. Min-naħa l-oħra, Delta tenna li s-suq tal-Istati Uniti huwa suq tal-EMD matur fejn produttori domestiċi u l-importaturi jikkompetu liberament u fejn hemm ħafna utenti, inklużi utenti li huma wkoll preżenti fl-UE. Bħala konsegwenza, il-bejgħ ta' Delta lill-Istati Uniti ma għandux jiġi eskluż. Barra minn hekk, Delta kkunsidra li għall-fini ta' kalkoli tal-bejgħ taħt il-prezz, il-Kummissjoni ma messix użat il-profitt mira miksub mill-industrija tal-Unjoni fin-nuqqas ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping fl-investigazzjoni oriġinali.

- (63) Fil-każ preżenti fejn l-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat kważi waqfu għal kollox wara li ġew imposti l-miżuri oriġinali, l-awtorità investigattiva għandha tagħmel analiżi li tħares' il quddiem ibbażata fuq numru ta' suppożizzjonijiet raġonevoli, inkluż il-prezz probabbli li bih Delta jista' jbigħ l-EMD tiegħu fl-Unjoni li kieku l-miżuri antidumping fis-seħħ jitħallew jiskadu.
- (64) Huwa fatt mhux ikkontestat li kull suq tal-EMD (tal-Istati Uniti, tal-UE, tal-Asja) huwa differenti u produttori tal-EMD japplikaw strateġiji ta' prezzijiet differenti filwaqt li jitqiesu mhux biss l-ispejjeż tagħhom tal-produzzjoni iżda wkoll il-kapaċità ta' produzzjoni fil-pajjiż fil-mira, il-ħtieġa li jiksibu/jinkisbu mill-ġdid ishma fis-suq u l-kundizzjonijiet lokali ta' kompetizzjoni. Huwa wkoll fatt mhux ikkontestat li Delta qed jipprezza l-bejgħ tal-EMD għas-suq tal-Istati Uniti bi prezzijiet oġġla sew minn dawk fi swieq oħrajn. Għalhekk, huwa mistenni li l-prezzijiet futuri ta' Delta lejn l-UE mhux ser jiġu determinati mill-prezzijiet preżenti tagħha lejn l-Istati Uniti iżda se jsegu l-kundizzjonijiet tas-suq u r-realtajiet speċifiċi tal-UE.
- (65) Fid-dokument tal-isvelar, għall-finijiet tal-kalkoli tad-dumping, il-prezzijiet ta' bejgħ ta' Delta ta' biss il-grad EMD alkalini lil bosta swieq ġew imqabbla mal-valur normali maħdum, filwaqt li għall-iskop li jonqsu l-kalkoli, qed jiġi kkunsidrat anke l-bejgħ ta' Delta ta' tip wiehied ta' żingu tal-karbonju. Wara l-iżvelar, l-industrija tal-Unjoni qalet li l-bejgħ kollu tal-grad EMD alkalini u taż-żingu tal-karbonju ta' Delta għandu jitqies għal kalkoli ta' dumping u ta' ħsara. B'kuntrast, Delta sostna li minħabba li l-bieċa l-kbira tal-konsum tal-Unjoni u l-esportazzjonijiet ta' Delta lejn l-Unjoni jikkonsistu biss minn EMD alkalini, il-bejgħ tal-grad EMD taż-żingu tal-karbonju m'għandu jitqies xejn.
- (66) Il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni li kemm il-grad EMD alkalini kif ukoll taż-żingu tal-karbonju, bit-tipi kollha nklużi, għandhom jitqiesu kemm għall-kalkoli tal-bejgħ kif ukoll tal-ħsara, għar-raġunijiet prinċipali li ġejjin: L-ewwel nett, kif imsemmi hawn fuq, hemm ukoll suq u għalhekk domanda għall-grad EMD taż-żingu tal-karbonju fl-UE minkejja li iżgħar mis-suq tal-grad EMD alkalini, u dan is-suq jista' wkoll ikun ta' interess għall-esportazzjonijiet ta' Delta lejn l-Unjoni. It-tieni, il-grad EMD alkalini u taż-żingu tal-karbonju huma mmanifatturati fl-istess impjant u fl-istess linja ta' produzzjoni bl-użu tal-istess materja prima u tal-istess proċess ta' produzzjoni. Skont il-konfigurazzjonijiet tal-parametri fil-proċess elettrolitiku (id-densità, it-temperatura u l-konċentrazzjoni tal-elettrolit preżenti eċċ.), il-produttori tal-EMD jistgħu jagħżlu li jipproduċu EMD alkalini jew taż-żingu tal-karbonju. Għalhekk, huwa iktar xieraq li jsir kalkolu tat-traħħis permezz ta' paragun bejn il-prezz ta' esportazzjoni medju tal-EMD ta' Delta (kemm alkalini kif ukoll taż-żingu tal-karbonju) mal-prezz medju tal-bejgħ tal-produttori tal-Unjoni tal-EMD (kemm alkalini kif ukoll taż-żingu tal-karbonju).
- (67) Fir-rigward tal-analiżi tal-bejgħ taħt il-prezz, il-Kummissjoni bħala referenza nqdiet bil-mira ta' profitt miksub mill-industrija tal-Unjoni fin-nuqqas ta' importazzjonijiet li

huma oġġett ta' dumping fl-investigazzjoni oriġinali, li jikkorrispondi mal-profitt li industrija b'intensità tal-kapital bħall-fabbrikanti tal-EMD tista' tistenna li tikseb f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Madankollu, il-kwistjoni tal-aktar profitt fil-mira l-aktar xieraq hija irrilevanti fil-kuntest ta' din ir-reviżjoni ta' skadenza partikolari. Tabilħaqq, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li ma kien hemm l-ebda kontinwazzjoni ta' dumping u għalhekk ma kien hemm l-ebda kontinwazzjoni ta' ħsara minħabba tnaqqis fil-prezzijiet taħt il-prezz normali. L-enfasi tal-analiżi hija għalhekk li nħarsu 'l quddiem u l-għan li wieħed ibassar il-probabbiltà ta' rikorrenza ta' ħsara f'każ ta' rikorrenza probabbli ta' dumping.

- (68) Delta sostna li l-ispejjeż ta' wara l-importazzjoni deheru li ġew sottovalutati minħabba li ma jinkludux l-ispejjeż tat-trasport għall-prodott imwassal lil klijenti mill-port ta' Antwerp.
- (69) Madankollu, il-Kummissjoni qabblat il-prezzijiet mill-fabbriki tal-industrija tal-Unjoni mal-prezzijiet tal-esportaturi fuq il-fruntieri tal-Unjoni, u għalhekk il-kosti ta' wara l-importazzjoni kienu jikkonċernaw biss il-ġestjoni u l-ittestjar iżda mhux il-kosti tat-trasport. Għaldaqstant, dan l-argument ġie miċħud.
3. Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn
- (70) It-tabella li ġejja turi l-iżvilupp tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn matul il-perjodu, meqjusa f'termini ta' volumi u sehem mis-suq, kif ukoll il-prezz medju ta' dawk l-importazzjonijiet.

Tabella 3

	2009	2010	2011	PIR
Il-volum ta' importazzjonijiet minn pajjiżi oħra (tunnellati)	5 000 – 10 000	10 000 – 15 000	5 000 – 10 000	5 000 – 10 000
Indiċi 2009=100	100	113	92	88
Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra	25 % — 30 %	30 % — 35 %	20 % — 25 %	20 % — 25 %
Il-volum ta' importazzjonijiet minn pajjiżi oħra (f'EUR)	10m -15m	15m-20m	10 m- 15 m	10m -15m
Indiċi 2009=100	100	113	93	102
Prezz tal-importazzjonijiet (EUR/tunnellata)	1 566	1 572	1 590	1 809

Sors: Il-Eurostat

- (71) Il-volum ta' importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn tal-EMD fl-UE naqas matul il-perjodu meqjus. Il-prezzijiet ta' dawn l-importazzjonijiet huma oġġla mil-livell medju tal-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni u l-prezzijiet tad-Delta lejn swieq oħra minbarra l-Istati Uniti matul il-PIR. Kif imsemmi hawn fuq, il-valur ta' EUR 1809 għal kull

tunnellata huwa medja ta' prezzijiet ta' importazzjoni differenti ħafna, li jvarjaw minn importazzjonijiet bi prezz baxx miċ-Ċina għal importazzjonijiet bi prezz għoli ħafna mill-Istati Uniti. B'mod partikolari, il-livelli tal-prezzijiet irreġistrati tal-importazzjonijiet mill-Istati Uniti huma estremament għoljin meta mqabbla ma' kwalunkwe firxa ta' prezzijiet oħra mill-produtturi tal-Unjoni, Delta u esportaturi oħra, b'modli ma jistgħux ikunu affidabbli b'mod raġonevoli biex issir l-analiżi. Għalhekk, din il-medja ma tistax tittieħed bħala prezz ta' referenza għal importazzjonijiet fil-futur mill-Afrika t'Isfel. Delta ma jasalx biex jikkompeti fuq il-prezz mal-importazzjonijiet mill-Istati Uniti iżda mal-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni.

4. Is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni

(72) Skont l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, il-fatturi ekonomiċi u l-indiċijiet kollha rilevanti li jaffettwaw l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu meqjus ġew eżaminati.

(a) Produzzjoni

(73) Il-produzzjoni tal-Unjoni żdiedet b'6 % bejn l-2009 u l-PIR. B'mod aktar speċifiku, din żdiedet b'7 punti perċentwali bejn l-2009 u l-2011 u mbagħad naqset b' punt perċentwali matul il-PIR.

Tabella 4

	2009	2010	2011	PIR
Indiċi 2009=100	100	102	107	106

Tweġibiet għall-kwestjonarju u Talba għal revizzjoni

(b) Kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità

(74) Il-kapaċità tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni żdiedet b' 9 % matul il-perjodu kkunsidrat, l-aktar minħabba titjib żgħir fil-proċess ta' produzzjoni (jiġifieri l-ebda investimenti kbar f'impjanti jew tagħmir ġodda).

(75) Billi ż-żieda fil-kapaċità kienet ogħla miż-żieda fil-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità niżel bi 3 punti perċentwali.

Tabella 5

	2009	2010	2011	PIR
Kapaċità ta' Produzzjoni Indiċi 2009=100	100	103	108	109
Utilizzazzjoni tal-Kapaċità Indiċi 2009=100	100	99	99	97

Tweġibiet għall-kwestjonarju u Talba għal revizzjoni

(c) L-istokkijiet

(76) Il-volum tal-istokk baqa' stabbli matul il-perjodu kkunsidrat. Dan naqas fl-2011 iżda reġa' lura fuq il-livelli tal-2009 matul il-PIR.

Tabella 6

	2009	2010	2011	PIR
--	------	------	------	-----

Indiċi 2009=100	100	103	86	100
-----------------	-----	-----	----	-----

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju

(d) Il-volum tal-bejgħ

- (77) B'hekk, il-volum ta' bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni lill-klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni żdied b'10 % bejn l-2009 u l-PIR. Fl-2011 dan żdied b'20 % meta mqabbel mal-2009, iżda mbagħad naqas drastikament b'10 punti perċentwali matul il-PIR.

Tabella 7

	2009	2010	2011	PIR
Indiċi 2009=100	100	103	120	110

Tweġibiet għall-kwestjonarju u Talba għal reviżjoni

(e) Sehem mis-suq

- (78) Bejn l-2009 u l-PIR, il-produtturi tal-Unjoni kisbu 10 punti perċentwali fis-sehem tas-suq. Din iż-żieda fis-sehem tas-suq hija spjegata b'dan it-tnaqqis fis-sehem tas-suq ta' importazzjonijiet fl-UE.

Tabella 8

	2009	2010	2011	PIR
Is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni	65 % — 70 %	65 % — 70 %	75 % — 80 %	75 % — 80 %
Indiċi 2009=100	100	101	111	110

Tweġibiet għall-kwestjonarju, Talba għal reviżjoni u Eurostat

(f) It-tkabbir

- (79) Il-konsum tal-Unjoni baqa' stabbli bejn l-2009 u l-PIR kif stabbilit fit-Tabella 1 ta' hawn fuq. L-indikaturi kollha l-oħra ma juru l-ebda tkabbir sinifikanti fis-suq tal-Unjoni tal-prodott li qed jiġi rivedut.

(g) Impjieg

- (80) Il-livell tal-impjieg tal-industrija tal-Unjoni juri tnaqqis ta' 9 punti perċentwali bejn l-2009 u l-PIR.

Tabella 9

	2009	2010	2011	PIR
Indiċi 2009=100	100	91	90	91

Tweġibiet għall-kwestjonarju u Talba għal reviżjoni

(h) Il-produttività

- (81) Il-produttività tal-ħaddiema tal-industrija tal-Unjoni, imkejla bħala produzzjoni (ftunnellati) għal kull impjegat, kull sena, żdiedet bi 18 % fil-perjodu meqjus. Dan jirrifletti li l-produzzjoni żdiedet b'6 %, filwaqt li l-livelli tal-impjieg naqsu b'9 %.

Dan hu partikolarment evidenti fl-2011, meta l-produzzjoni żdiedet filwaqt li l-livell tal-impjiegi baqa' jonqos u l-produttività kienet 20 punt perċentwali ogħla milli kienet fl-2009.

Tabella 10

	2009	2010	2011	PIR
Indiċi 2009=100	100	112	120	118

Sors: Tweġibiet tal-kwestjonarju u Talba għal reviżjoni

(i) Fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet tal-bejgħ

- (82) Il-prezzijiet tal-bejgħ mejdu annwali tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni lil kliġenti mhux relatati naqsu bi 11 % matul l-2009 u l-PIR.

Tabella 11

	2009	2010	2011	PIR
Indiċi 2009=100	100	95	93	89

Tweġibiet għall-kwestjonarju u Talba għal reviżjoni

(j) Id-daqs tal-marġni tad-dumping u l-irkupru minn dumping tal-imgħoddi

- (83) Minħabba li l-importazzjonijiet mill-Afrika t'Isfel prattikament waqfu wara l-impożizzjoni tal-miżuri antidumping fis-seħħ, il-kobor tal-marġni tad-dumping ma jistax ikun ivvalutat. Madankollu, fid-dawl tal-indikaturi ekonomiċi ewlenin imsemmija hawn fuq kif ukoll aktar 'l isfel, l-industrija tal-Unjoni kien instab li kienet għadha f'sitwazzjoni fraġli u vulnerabbli.

(k) Pagi

- (84) Minkejja l-fatt li l-kosti totali tax-xogħol naqsu, il-kosti medju tax-xogħol żdied matul il-perjodu kkunsidrat bħala konsegwenza tat-tnaqqis tal-forza tax-xogħol b'mod ġenerali.

Tabella 12

	2009	2010	2011	PIR
Indiċi 2009=100	100	102	103	103

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju

(l) Il-profitabilità u r-redditu fuq l-investimenti

- (85) Matul il-perjodu meqjus, il-profitabbiltà tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni tal-prodott simili fuq is-suq tal-Unjoni lil konsumaturi mhux relatati, imfissra bħala perċentwal tal-bejgħ nett, naqset bin-nofs bejn l-2009 u l-PIR. Il-qliġ matul il-PIR huwa ħafna inqas mill-profitt fil-mira stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali, li kien stabbilit fil-livell ta' profitt miksub mill-industrija tal-Unjoni fin-nuqqas ta' dumping li jagħmel ħsara.
- (86) Ir-redditu fuq l-investimenti (ROI), mogħti bħala l-profitt f'perċentwal tal-valur nett kontabbli tal-investimenti, segwa bejn wiehded u ieħor ix-xejra tal-profitabilità.

Tabella 13

	2009	2010	2011	PIR
Profitabbiltà tal-Industrija tal-Unjoni	5 % -10 %	5 % — 10 %	5 % — 10 %	0 % — 5 %
Indiċi 2009=100	100	63	63	50
ROI (il-profitt f'% tal-valur nett skont il-kotba tal-investimenti)	15 % — 20 %	5 % — 10 %	10 % — 15 %	5 % — 10 %
Indiċi 2009=100	100	64	84	51

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju

(m) Il-fluss ta' flus u l-ħila li jinġabar il-kapital

- (87) Il-fluss nett tal-flus mill-attivitajiet operattivi naqas b'mod konsiderevoli matul il-perjodu kkunsidrat, għalkemm baqa' pożittiv, ħlief għas-sena 2010.

Tabella 14

	2009	2010	2011	PIR
Indiċi 2009=100	100	— 34	71	10

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju

- (88) Ma hemmx indikazzjonijiet li l-industrija tal-Unjoni kienet ser issib diffikultajiet biex tiġbor il-kapital li kieku ppruvat, iżda ma kien hemm l-ebda investimenti sinifikanti matul il-perjodu eżaminat u għalhekk l-industrija tal-Unjoni ma kinitx “ittestjata”.

(n) L-investimenti

- (89) L-investimenti annwali tal-industrija tal-Unjoni fil-produzzjoni tal-prodott simili naqsu b'nofs bejn l-2009 u l-PIR. B'mod aktar speċifiku, naqsu fl-2010, żdiedu fl-2011 u reġgħu naqsu matul il-PIR. It-tnaqqis f'daqqa fl-investimenti li ġie osservat bejn l-2011 u l-PIR jista' jiġi spjegat mill-fatt li l-kumpaniji li ġew investigati kienu, matul il-perjodu meqjus, diġà kisbu l-investimenti ewlenin ippjanati meħtieġa.

Tabella 15

	2009	2010	2011	PIR
Indiċi 2009=100	100	45	115	52

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju

5. Konklużjoni dwar is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni

- (90) L-analiżi tal-indikaturi ekonomiċi turi li l-industrija tal-Unjoni żiedet il-produzzjoni u l-bejgħ tagħha matul il-perjodu meqjus. Madankollu, iż-żieda osservata fil-kwantità, li ma kinitx sinifikanti, trid titqies fil-kuntest ta' żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni u tnaqqis fil-prezzijiet ta' bejgħ, li wasslet biex l-utilizzazzjoni tal-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni u l-prezz tal-bejgħ ta' unità naqas rispettivament bi 3 u 11-il punt perċentwali.

- (91) Fl-istess ħin is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni ddeterjorat fejn jidħlu l-profittabilità, ir-redditu mill-investment, il-likwidità u l-impjiegi. B'mod partikolari, il-profittabilità, li hija indikatur importanti tal-kundizzjoni tal-industrija tal-Unjoni, hija xorta bil-bosta inqas mill-profitt fil-mira kif stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali. L-industrija tal-Unjoni għadha ma rkupratx b'mod sħiħ mill-effetti ta' dumping tal-passat, u għadha f'qagħda fraġli, u għalhekk vulnerabbli ħafna għal kwalunkwe rikorrenza ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping. Il-prezzijiet medji tal-bejgħ naqsu matul is-snin u x'aktarx li jonqsu aktar jekk importazzjonijiet mill-Afrika t'Isfel jirrepetu ruħhom u b'hekk jiggravaw il-qagħda diġà fraġli tal-industrija tal-Unjoni.
- (92) Wara l-iżvelar, ċerti partijiet interessati qalu li s-sitwazzjoni fraġli u vulnerabbli attwali tal-industrija tal-Unjoni la hija minħabba importazzjonijiet mill-Afrika t'Isfel u lanqas minħabba l-effetti ta' dumping fil-passat.
- (93) Huma ġibdu l-attenzjoni li t-tendenzi tal-indikaturi ekonomiċi ewlenin murija hawn fuq jikkonċernaw il-perjodu (mill-2009 tal-aħħar tal-PIR) li fih: (i) il-miżuri ta' antidumping oriġinali diġà kienu ilhom fis-seħħ għal xi żmien; (ii) l-importazzjonijiet mill-Afrika t'Isfel kienu kważi waqfu għal kollox; u (iii) parteċipant ġdid (Cegasa) daħal fis-suq miftuħ tal-Unjoni. Il-partijiet interessati taw ħarsa lejn l-indikaturi ekonomiċi ta' kull wieħed miż-żewġ produtturi tal-Unjoni separatament, minflok għaqqduhom, u kkonkludew li l-industrija tal-Unjoni kienet f'sitwazzjoni diffiċli minħabba kompetizzjoni interna, li tfaċċat dan l-aħħar, bejn l-uniċi żewġ produtturi tal-Unjoni fis-suq.
- (94) B'mod partikolari, dawn il-partijiet interessati sostnew li l-Kummissjoni naqset milli tirrikonoxxi li seħħew bidliet fundamentali fl-industrija tal-Unjoni mill-2009. Huma nnutaw li wara l-impożizzjoni tal-miżuri antidumping fis-seħħ l-indikaturi ekonomiċi tal-kwerelant waħdieni u oriġinali (THA) tjiebu sew, biex b'hekk eliminaw l-effetti negattivi kollha ta' dumping fil-passat. Madankollu, aktar tard, il-produttur tal-Unjoni l-ieħor, Cegasa, li qabel kien qed janifattura EMD għall-użu vinkolanti biss, ċaqalqet il-faċilità ta' produzzjoni ta' batteriji tagħha barra l-Unjoni. Bħala konsegwenza, ħelset ammont sinifikanti ta' EMD għas-suq miftuħ, u bdiet tbiegħu bi prezz baxx, b'hekk tikkompeti mal-uniku produttur ieħor tal-Unjoni u teżerċita pressjoni qawwija 'l isfel fuq il-prezzijiet, l-użu tal-kapaċità u l-profit.
- (95) Fid-dokument tal-iżvelar, il-Kummissjoni kienet diġà rrikonoxxiet il-bidla fil-konfigurazzjoni tal-industrija tal-Unjoni meta mqabbla mal-investigazzjoni oriġinali. Dan kien żvilupp pożittiv li juri ftuħ fis-suq u livell oġġla ta' kompetizzjoni bejn il-partijiet diversi inklużi l-importazzjonijiet.
- (96) Il-Kummissjoni taqbel ukoll li taħt dawn iċ-ċirkostanzi u b'mod partikolari fin-nuqqas ta' importazzjonijiet mill-Afrika t'Isfel l-istat attwali tal-industrija tal-Unjoni ma jistax ikun li huwa kkawżat mid-dumping mill-Afrika t'Isfel u m'għandux jiġi kkwalifikat bħala "tkomplija ta' ħsara".
- (97) Il-Kummissjoni eżaminat xejriet aggregati taż-żewġ produtturi tal-Unjoni mill-2009 u kkonkludiet li l-indikaturi ekonomiċi ewlenin mhumx favorevoli u li l-industrija tal-Unjoni hija fraġli u fi stat vulnerabbli. Evidentement, fin-nuqqas ta' importazzjonijiet mill-Afrika t'Isfel ir-raġuni ma tistax tkun il-prattiċi ta' dumping ta' Delta. Madankollu, f'reviżjoni ta' skadenza fejn l-enfasi hija fuq il-probabbiltà ta' rikorrenza ta' dumping u ħsara li kieku l-miżuri jiskadu, id-dumping, il-ħsara u l-kawżalità matul il-PIR m'humiex il-fatturi determinanti tal-analiżi.

- (98) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-industrija tal-Unjoni għadha f'sitwazzjoni fraġli u vulnerabbli u l-profittabbiltà tagħha hija 'l bogħod ħafna mil-livelli li jistgħu jkunu mistennija minn din l-industrija b'kapital tant intensiv. Tqabbil mal-investigazzjoni oriġinali jista' biss isir għal produttur wieħed tal-Unjoni, minħabba li l-ieħor ma kompliex ibiġh fis-suq miftuħ tal-Unjoni f'dak iż-żmien. Għal dak il-produttur tal-Unjoni, il-profitti fil-PIR kienu ħafna aktar baxxi minn dak misjub fl-investigazzjoni oriġinali fl-assenza ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping.

F. IL-PROBABILITÀ TA' RIKORRENZA TAD-DANNI

1. L-impatt tal-volum proġettat tal-importazzjonijiet u l-effetti fuq il-prezzijiet f'każ ta' tneħħija tal-miżuri
- (99) L-uniku produttur magħruf fl-Afrika t'Isfel (Delta) tal-EMD għandu l-kapaċità żejda u l-potenzjal li jerġa' jibda jesporta lejn is-suq tal-Unjoni fi kwantitajiet sinifikanti. Matul il-perjodu oriġinali meqjus (2002 sa 2005/6) is-sehem tas-suq ta' Delta żdied b'mod qawwi minn madwar 30-40 % sa 60-70 %. Delta b'hekk diġà wera' l-kapaċità tiegħu li jżid b'ħeffa l-volumi tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni.
- (100) Il-prezzijiet tal-esportazzjoni CIF ta' Delta għal swieq oħra, minbarra l-Istati Uniti u inklużi kull tip u l-grad kollha tal-EMD, kienu aktar baxxi mill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni waqt il-PIR, u niżlu taħthom Prezzijiet aktar baxxi fuq swieq oħra jisgħu jkunu iċċentiv għal Delta biex jiżvija dawn l-esportazzjonijiet lejn is-suq tal-UE jekk il-miżuri jiskadu.
- (101) Minħabba l-kapaċità ta' riżerva identifikata matul l-investigazzjoni, ikun probabbli li Delta, minħabba s-saturazzjoni ta' swieq oħra tal-esportazzjoni flimkien mal-attrazzjoni tas-suq tal-Unjoni, jerġa' jipprova jikseb is-sehem tas-suq sostanzjali tiegħu fl-Unjoni li tilef wara l-impożizzjoni tal-miżuri fis-seħħ. Kif ġie konkluż hawn fuq, biex Delta jikseb lura s-sehem mis-suq jeħtieġ li ssir esportazzjoni bi prezzijiet dumped. Għaldaqstant, fin-nuqqas ta' dazji antidumping fuq importazzjonijiet ta' EMD li joriġinaw mill-Afrika t'Isfel, kwalunkwe rikorrenza ta' importazzjonijiet dumped teżerċita pressjoni tal-prezzijiet saħansitra aktar b'saħħitha fuq l-industrija tal-Unjoni u probabbli li tikkawża ħsara materjali.
2. Konklużjoni dwar il-probabbiltà ta' rikorrenza ta' ħsara
- (102) Ir-revoka tal-miżuri fil-probabbiltà kollha twassal għal rikorrenza ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-Afrika ta' isfel u tirriżulta fi pressjoni 'l isfel fuq il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni u l-aggravar tas-sitwazzjoni ekonomika tagħhom. Ir-revoka tal-miżuri kontra l-Afrika t'Isfel għandha għalhekk x'aktarx tirriżulta f'rikorrenza ta' ħsara minħabba l-possibbiltà ta' forza fuq sitwazzjoni diġà fraġli u vulnerabbli li fiha attwalment instabet l-industrija tal-Unjoni.

G. L-INTERESS TAL-UNJONI

1. Introduzzjoni
- (103) Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk iż-żamma tal-miżuri eżistenti antidumping kontra l-Afrika t'Isfel tmurx kontra l-interessi tal-Unjoni b'mod ġenerali. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament ta' kull wieħed mill-bosta interessi involuti.
- (104) Il-partijiet interessati kollha ngħataw l-opportunità li jesprimu l-veduti tagħhom skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament bażiku.

- (105) Fl-investigazzjonijiet oriġinali, l-adozzjoni tal-miżuri ma kinitx meqjusa bħala kontra l-interess tal-Unjoni. Minħabba li l-investigazzjoni preżenti hija rieżami, hija tanalizza sitwazzjoni li fiha l-miżuri tal-antidumping diġà kienu fis-seħħ, u għalhekk tippermetti l-valutazzjoni ta' kwalunkwe impatt negattiv mhux xieraq fuq il-partijiet ikkonċernati mill-miżuri tal-antidumping eżistenti.
- (106) Minkejja l-konklużjonijiet dwar il-probabbiltà ta' rikorrenza ta' dumping li jagħmel il-ħsara, il-Kummissjoni eżaminat jekk kinux jeżistu raġunijiet konvinċenti li jwasslu għall-konklużjoni li mhuwiex fl-interess tal-Unjoni li jinżammu l-miżuri kontra l-importazzjonijiet tal-EMD li joriġinaw fl-Afrika t'Isfel.
2. L-interessi tal-industrija tal-Unjoni u ta' produttori oħra tal-Unjoni
- (107) Minkejja li l-miżuri antidumping fis-seħħ evitaw importazzjonijiet dumped milli jidħlu fis-suq tal-Unjoni, l-industrija tal-Unjoni għadha f'qagħda fraġli u vulnerabbli, kif ikkonfermat minn xejra negattiva ta' ċerti indikaturi ta' ħsara essenzjali.
- (108) Jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, huwa probabbli li s-sitwazzjoni attwali tal-industrija tal-Unjoni se tkompli tmur għall-aġar minħabba l-influss probabbli ta' volumi sostanzjali ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-Afrika ta' Isfel. Dan l-influss jikkawża, fost l-oħrajn, telf fis-sehem mis-suq, tnaqqis fil-prezz tal-bejgħ, tnaqqis fl-użu tal-kapaċità u b'mod ġenerali deterjorament serju tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni.
- (109) Għalhekk ġie konkluż li huwa ċar li ż-żamma tal-miżuri antidumping kontra l-Afrika t'Isfel tkun fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.
3. L-interess tal-importaturi
- (110) Fl-investigazzjoni oriġinali nstab li l-impatt tal-impożizzjoni tal-miżuri x'aktarx ma kien ikollha l-ebda effett negattiv serju fuq is-sitwazzjoni tal-importaturi fl-Unjoni. L-ebda negozjant/importatur ma kkoopera fl-investigazzjoni attwali. Meta wieħed iqis li ma hemm ebda evidenza li tissuġġerixxi li l-miżuri fis-seħħ affettwaw lill-importaturi b'mod konsiderevoli, jista' jiġi konkluż li l-issoktar tal-miżuri mhix se taffettwa b'ebda mod sinifikanti lill-importaturi tal-Unjoni.
4. Interess tal-utenti
- (111) L-utenti kollha magħrufa tal-EMD fl-Unjoni (użati mill-produtturi tal-batteriji bħala materja prima) ġew ikkuntattjati. Waslu tweġibiet minn żewġ kumpaniji li jappartjenu għall-istess grupp multinazzjonali. Fl-investigazzjoni oriġinali żewġ produttori tal-batteriji kkooperaw, li opponew l-impożizzjoni tal-miżuri.
- (112) L-utent li kkoopera spjega s-sitwazzjoni ekonomika diffiċli li jiffaċċjaw il-produtturi tal-batteriji fl-Unjoni minħabba l-pressjoni' l isfel fuq il-prezzijiet eżerċitata mill-konsumaturi prinċipali tagħhom (bejjiegħa bl-imnut), u r-riskju ta' telf ta' impjiegi b'konsegwenza ta' hekk. Madankollu, ma seta' jipprovdi l-ebda spjegazzjonijiet jew argumenti dwar għaliex u kif it-tmiem tal-miżuri kontra l-importazzjonijiet tal-EMD mill-Afrika ta' Isfel jistgħu itejbu s-sitwazzjoni.
- (113) L-EMD jammonta biss għal 10-15 % tal-ispiża totali tal-produzzjoni ta' batteriji. Dan il-valur naqas meta mqabbel mal-investigazzjoni oriġinali. Barra minn hekk, wara li ġew imposti l-miżuri, il-prezz tal-bejgħ medju tal-EMD fl-Unjoni naqas. Fir-realtà, ma ġiet ipprovdata l-ebda evidenza li ż-żamma tal-miżuri fis-seħħ ikollha influwenza sinifikanti fuq l-ispejjeż ta' produzzjoni tal-produtturi tal-batteriji.

- (114) Fin-nuqqas ta' evidenza ta' din ix-xorta, il-Kummissjoni tikkonkludi li ż-żamma tal-miżuri ma taffettwax b'mod mhux dovut l-utenti tal-EMD
- (115) Wara l-iżvelar, l-istess utent ma qabilx mal-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tas-sitwazzjoni u kkummenta li wara li ġew imposti l-miżuri, sors wieħed ta' kwalità tajba tal-EMD sparixxa, il-prezzijiet għall-EMD għolew u anke jekk EMD jirrappreżenta biss 10-15 % tal-kosti tal-produzzjoni, dan għandu impatt sinifikanti fuq il-profittabilità tal-produtturi tal-batteriji tal-UE, li diġà hija żgħira.
- (116) Minkejja l-allegazzjoni, l-evidenza fil-fajl juri li l-għażla tal-utent li ma jużawx l-EMD ta' Delta ma kinitx konnessa mal-impożizzjoni ta' dazji antidumping u li t-theddida għall-profittabilità u l-impjieg tal-utent -profitt mhijiex ġejja minn żieda fil-prezz tal-EMD iżda ġejja fil-fatt minn pressjoni 'l isfel fuq il-prezz eżerċitata mill-klijenti ewlenin tagħhom (bejjiegħa bl-imnut multinazzjonali b'qawwa ta' xiri sinifikanti) u mill-produtturi Ċiniżi tal-batteriji.
- (117) L-istess utent tal-EMD kkummenta li l-miżuri ma għandhomx jinżammu, minħabba li l-investigazzjoni ma sabet l-ebda dumping lejn l-UE matul il-PIR u li ma kienx hemm riskju ta' rikorrenza ta' dumping minħabba s-sehem żgħir tas-suq possibbli għal Delta kieku l-kapaċità ta' riżerva kollha tiegħu kienet tiġi diretta lejn l-Unjoni.
- (118) Dan l-argument ġie miċħud minħabba li sehem potenzjali tas-suq ta' Delta identifikat b'mod ċar ikun sinifikanti u dawn l-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni x'aktarx isiru bi prezzijiet dumped.

5. L-iżviluppi futuri

- (119) Fit-talba għal rieżami minħabba skadenza, il-kwerelanti qalu li jekk id-domanda għall-karozzi elettriċi tiżdied fl-UE fil-futur, se jkun hemm żieda kbira fid-domanda tal-EMD li jingħad li hija l-materja prima li l-aktar tintuża fil-produzzjoni ta' ossidu tal-manganiż tal-litju (LMO) li min-naħa tiegħu jservi ta' materjal katodu għal batteriji tal-litju li jistgħu jiġu ċċarġjati mill-ġdid (LIB) użati f'bosta mudelli ta' vetturi elettriċi. Huma jsostnu li jekk l-ħsara li tirriżulta mid-dumping tal-importazzjoni mill-Afrika t'Isfel terġa sseħħ, l-industrija tal-EMD tal-Unjoni tista' ma tkunx disponibbli biex tissodisfa din id-domanda potenzjali futura f'teknoloġiji ġodda.
- (120) L-investigazzjoni ma sabitx evidenza konklużiva b'appoġġ jew kontra l-pretensjoni li kull iżvilupp futur fis-settur tal-karozzi elettriċi iħalli impatt sinifikanti fl-industrija tal-EMD u d-domanda għall-EMD. Madankollu, huwa fatt li l-industrija tal-Unjoni qiegħda tittestja l-fattibbiltà li timmanifattura LMO bl-użu tal-EMD, hija kapaċi tikseb l-għarfien u t-tagħmir li jagħmal dan fil-futur u qed tipparteċipa f'għadd ta' proġetti ffinanzjati mill-UE relatati mar-riċerka u l-iżvilupp tal-batteriji tal-jonju tal-litju.
- (121) Wara l-iżvelar, din il-kwistjoni ssemmiet fil-qosor minn xi partijiet interessati, iżda għal darb' oħra ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza konklużiva dwar l-impatt possibbli ta' xi iżvilupp futur fis-settur tal-karozzi tal-elettriku fl-Unjoni u/jew fi swieq oħra fuq il-prodott ikkonċernat.

6. Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni

- (122) Minħabba l-evidenza t'hawn fuq, ma hemm l-ebda raġunijiet konvinċenti kontra ż-żamma tal-miżuri antidumping attwali.
- (123) Għalhekk skont l-Artikolu 11 (2) tar-Regolament bażiku, il-miżuri antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċerti dijossidi tal-manganiż elettrolitiċi li joriġinaw fl-Afrika t'Isfel għandhom jinżammu għal perjodu addizzjonali ta' ħames snin,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju ta' antidumping definittiv huwa hawnhekk impost fuq l-importazzjonijiet tad-dijossidi tal-manganiż elettrolitiċi (jiġifieri dijossidi tal-manganiż prodotti permezz ta' proċess elettrolitiku) mhux trattati bis-sħana wara l-proċess elettrolitiku, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċi tan-NM ex 2820 10 00 (kodiċi TARIC 2820 10 00 10) u li joriġinaw fir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel.
2. Ir-rata ta' dazju ta' antidumping definittiva applikabbli għall-prezz nett, liberu fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, għall-prodotti mmanifatturati mill-kumpaniji mniżżla hawn taħt, għandu jkun kif ġej:

Kumpanija	Dazju Antidumping	Kodiċi Addizzjonali TARIC
Delta EMD (Pty) Ltd	17,1 %	A828
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	17,1 %	A999

3. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazju doganali.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President